



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2020
COM(2020) 671 final

2020/0303 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill
Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali
dwar iz-Zokkor tal-1992**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ("ISC") b'rabta mal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-**Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992**.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992¹ ("il-Ftehim") għandu l-għan li jtejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali b'rabta ma' kwistjonijiet dinjija taz-zokkor u oħrajn relatati, li jipprovdi forum għal konsultazzjonijiet intergovernattivi dwar iz-zokkor u dwar metodi biex tittejjeb l-ekonomija dinjija taz-zokkor, li jiffaċilita l-kummerċ billi jiġbor u jipprovdi informazzjoni dwar is-suq dinji taz-zokkor u dolċifikanti oħrajn, u li jinkoraġġixxi żieda fid-domanda għaz-zokkor, b'mod partikolari għal użi mhux tradizzjonali.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

L-Unjoni hija parti tal-Ftehim².

2.2. L-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor

L-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor ("ISO") li tamministra l-Ftehim hija organizzazzjoni intergovernattiva bbażata f'Londra li tara li tissodisfa l-oġettivi stipulati fl-Artikolu 1 tal-Ftehim.

Dawn l-oġettivi ttipprova tiksibhom billi ttejjeb it-trasparenza tas-suq permezz tal-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni statistika u studji dwar il-produzzjoni dinjija, il-prezzijiet, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet, il-konsum u l-ħażniet taz-zokkor.

Bħalissa, l-ISO għandha 87 membru, li jinkludu ħafna mill-akbar produttori u importaturi taz-zokkor fid-dinja. Minbarra l-Unjoni, il-membri tagħha huma, fost oħrajn, il-Brażil, l-Indja, it-Tajlandja, l-Awstralja, il-Federazzjoni Russa u Kuba. L-aħħar pajjiż li nġhaqad mal-ISO kien is-Sri Lanka, li sar membru fis-6 ta' Awwissu 2013. Is-87 membru tal-ISO għandhom total ta' 2 000 vot.

Għall-proċeduri baġitarji (ara l-Artikolu 25 tal-Ftehim), jiġifieri għall-iffissar tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-membri, fl-2020 l-Unjoni għandha 538 vot³. In-numru ta' voti jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 25 u aġġustat kull sena abbażi tal-bidla fis-sehem tal-Membri fit-total tal-bażijiet ta' tunnellaġġ kompost tal-Membri kollha minn dak għall-istess sħubija għas-sena ta' qabel. It-tunnellaġġ kompost huwa kkalkulat bħala 35 % tal-esportazzjonijiet ta' dak il-Membru lejn is-suq ħieles flimkien ma' 15 % tal-esportazzjonijiet totali ta' dak il-Membru skont arranġamenti speċjali flimkien ma' 35 % tal-importazzjonijiet fis-suq ħieles ta' dak il-Membru flimkien ma' 15 % tal-importazzjonijiet totali ta' dak il-Membru skont arranġamenti speċjali. Id-*data* użata għall-kalkolu tal-bażi tat-tunnellaġġ kompost ta' kull Membru hija, għal kull kategorija ta' hawn fuq, il-medja ta' dik il-kategorija

¹ Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 16).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

³ L-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor topera fuq bażi ta' sena finanzjarja, li tibda mill-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru.

għall-ogħla tlieta mill-aħħar erba' snin ippubblikata fl-edizzjoni l-aktar riċenti tal-Year Book taz-Zokkor tal-organizzazzjoni.

Għat-teħid tad-deċiżjonijiet, id-drittijiet tal-vot huma distribwiti skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor, li jqis ir-ridistribuzzjoni tal-voti tal-Membri li għandhom id-dritt tal-vot tagħhom sospiż minħabba li ma ħallsux il-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit amministrattiv. Skont l-aħħar distribuzzjoni tal-voti skont l-Artikolu 11, l-Unjoni Ewropea għandha 697 vot.

Fil-laqgħat tal-ISO, l-Unjoni hija rrappreżentata mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-Artikolu 17 tat-TUE. L-Istati Membri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-ISO, b'mod partikolari s-Sessjonijiet tal-Kunsill.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor (ISC)

Fit-2 ta' Ottubru 2020, ir-Renju Unit⁴ applika formalment għall-adeżjoni mal-Ftehim. Fid-9 ta' Ottubru 2020, is-Segretarjat tal-ISO għarraf lill-Membri tiegħu dwar l-applikazzjoni tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit japplika għas-sħubija fl-ISO mill-1 ta' Jannar 2021, jiġifieri wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni b'segwitu għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim, l-ISC iwettaq jew jagħmel arranġamenti għat-twertiq tal-funzjonijiet kollha kif ikun meħtieġ biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

Skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim, l-adeżjoni hija miftuħa għall-Gvernijiet tal-Istati kollha bil-kundizzjonijiet li l-ISC iqis xierqa. Skont l-Artikolu 25(4) tal-Ftehim, fil-każ tal-adeżjoni ta' Membru wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, meta l-Membru li jkun se jissieħeb ma jkunx elenkat fl-anness tal-Ftehim, l-ISC għandu jiddeċiedi fuq in-numru ta' voti li għandhom jiġu allokati lil dak il-Membru. Wara li l-Membru li jkun se jissieħeb jaċċetta n-numru ta' voti allokati mill-ISC, il-voti tal-Membri eżistenti għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid sabiex it-total tal-voti jibqa' 2000. Il-voti allokati lir-Renju Unit, abbażi tad-distribuzzjoni attwali tal-voti, jammontaw għal 55 vot u jitnaqqsu mill-voti allokati lill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 25 tal-ISA. Konsegwentement, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea titnaqqas kif xieraq għas-sena finanzjarja 2021.

Ma kien hemm l-ebda diskussjoni formali dwar l-applikazzjoni tar-Renju Unit fil-Kumitat Amministrattiv tal-ISO jew fil-laqgħat tal-ISC qabel in-notifika datata d-9 ta' Ottubru 2020⁵ ippubblikata mis-Segretarjat tal-ISO dwar l-ittra, datata t-2 ta' Ottubru 2020 tal-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Matul is-57 sessjoni tal-ISC fis-27 ta' Novembru 2020, l-ISC se jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 41 tal-Ftehim.

Il-Ftehim dwar il-ħruġ

F'konformità mal-Artikolu 129(2) tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁶ ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni l-Unjoni se tibqa' tirrappreżenta lir-Renju Unit fil-ħidma ta' kwalunkwe korp stabbilit bil-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jenħtieġ li jżomm lura minn kwalunkwe azzjoni jew inizjattiva li tista' tippreġudika l-interessi tal-Unjoni. Madankollu, kif stabbilit bl-Artikolu

⁴ Bl-ittra tas-Sotto-Segretarju Parlamentari tal-Istat għad-Dipartiment għall-Ikel, l-Ambjent u l-Affarijiet Rurali.

⁵ Memo (20)68.

⁶ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

129(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit jista' jinneozja, jiffirma u jirratifika ftehimiet internazzjonali li jidħol għalihom fil-kapaċità tiegħu stess fl-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, diment li daww il-ftehimiet ma jidħlux fis-seħħ jew ma jkunux japplikaw matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 92/580/KEE⁷ sal-31 ta' Diċembru 1995. Kull darba, il-Ftehim jiġi estiż għal perjodu massimu ta' sentejn f'konformità mal-Artikolu 45(2) tal-Ftehim. Fid-19 ta' Lulju 2019, l-ISC iddeċieda li jestendi l-ISA għal sentejn, sal-31 ta' Diċembru 2021⁸.

L-Unjoni minn dejjem kienet membru attiv tal-ISO u appoġġat l-espansjoni tal-organizzazzjoni.

Ir-Renju Unit huwa produttur importanti tal-prodotti agrikoli, inkluż iz-zokkor li huwa l-prodott agrikolu ewlieni kopert mill-ISO. Waqt li kien membru tal-Unjoni, ir-Renju Unit kellu kummerċ sinifikanti ta' zokkor u prodotti li fihom iz-zokkor mal-Istati Membri.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' marbut bil-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni u l-Unjoni tkompli tirrappreżenta lir-Renju Unit fl-ISO.

Skont l-Artikolu 26(1) tal-Ftehim, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-Membri jsiru dovuti fl-ewwel jum tas-sena finanzjarja filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tal-Membri fir-rigward tas-sena li fiha jissieħbu fl-ISO jsiru dovuti fid-data li fiha jsiru Membri. Għaldaqstant, l-Unjoni tħallas il-kontribuzzjonijiet annwali tagħha lill-ISO fil-bidu ta' Jannar għas-sena finanzjarja kollha kkonċernata, li tibda' f'Jannar u tintemm f'Diċembru. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020 tħallset mill-baġit tal-Unjoni għall-2020, li r-Renju Unit jikkontribwixxi għalih ukoll. B'konsegwenza ta' dan, fir-rigward tas-sena finanzjarja kollha tal-2020, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ISO tkopri wkoll lir-Renju Unit. Bl-adeżjoni tar-Renju Unit fl-1 ta' Jannar 2021, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ISO fir-rigward tas-sena finanzjarja 2021 mhux se tibqa' tkopri lir-Renju Unit.

L-għan ta' din il-proposta hu li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-ISO dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2021. Peress li l-proċedura tal-adeżjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim hija soġġetta għal deċizzjoni mill-ISC, il-pożizzjoni tal-Unjoni se tiġi stabbilita abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE).

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Princġpi

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċizzjonijiet li jstabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali,*

⁷ ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15.

⁸ Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 - COM(2019) 286 final - approvata mill-Kunsill fil-laqgħa dwar l-Affarijiet Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2017.

sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti ġuridiċi*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-att previst tal-ISC għandu l-effett li jespandi s-sħubija tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992. L-att previst tal-ISC għandu effetti legali għaliex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta’ tali adeżjoni, b’mod partikolari minħabba li jaffettwa l-bilanċ deċiżjonali fl-ISC, li d-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu u rakkomandazzjonijiet isiru, fil-prinċipju, b’kunsens. Fin-nuqqas ta’ kunsens, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet isiru b’vot ta’ maġġoranza sempliċi, sakemm dan il-Ftehim ma jipprevedix vot speċjali⁹, u jorbtu lill-Membri tiegħu, kif iddikjarat fl-Artikolu 13 tal-Ftehim. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tal-Membri se jiġu affettwati wkoll mill-espansjoni tas-sħubija tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew minn dawn il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-kummerċ fil-prodotti agrikoli.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁹

L-Artikolu 2(4) tal-Ftehim jiddefinixxi vot speċjali bħala vot li jeħtieġ mill-inqas żewġ terzi tal-voti mitfugħa mill-Membri preżenti u li għandhom vot, bil-kundizzjoni li jivvutaw mill-inqas żewġ terzi tan-numru ta’ Membri preżenti u li għandhom vot.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (“il-Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. Il-Ftehim ġie konkluż inizjalment għal perjodu ta' tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 45(2) tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor jista' jestendi l-Ftehim għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Sa mill-konklużjoni tiegħu, il-Ftehim ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. Il-Ftehim ġie estiż l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni dwar il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fl-10 ta' Lulju 2019², u se jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021.
- (3) Skont l-Artikolu 41 tal-Ftehim, hu miftuħ għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (4) Fit-2 ta' Ottubru 2020, ir-Renju Unit applika formalment għall-adeżjoni mal-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem.
- (5) Matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor skedata għas-27 ta' Novembru 2020, il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor huwa ppjanat li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 41 tal-Ftehim.
- (6) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor.
- (7) Ir-Renju Unit huwa produttur ewlieni taz-zokkor. L-approvazzjoni tal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni hija fl-interess tal-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).

² Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor b'rabta mal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 - COM(2019) 286 final - approvata mill-Kunsill fil-laqgħa dwar l-Affarijiet Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2019.

- (8) Il-voti allokat li-Renju Unit mid-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Ftehim għandhom jitnaqqsu mill-voti allokat li-ll-Unjoni skont l-Artikolu 25 ta' dak il-Ftehim. Konsegwentement, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandha titnaqqas kif xieraq mis-sena finanzjarja 2021.
- (9) L-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ biss wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Ftehim ma għandux jiġi applikat b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem dak il-perjodu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fis-27 ta' Novembru 2020 għandha tkun li tapprova l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (il-Ftehim), soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.
2. L-adeżjoni ma għandhiex tidħol fis-seħħ u l-Ftehim ma għandux jiġi applikat b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
3. Mid-data tal-adeżjoni tiegħu mal-Ftehim, ir-Renju Unit se jiġi allokat numru ta' voti ddeterminat skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim u stabbilit matul is-57 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor tas-27 ta' Novembru 2020, li se jitnaqqsu mill-voti allokat li-ll-Unjoni Ewropea.
4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni se titnaqqas skont l-Artikolu 25 tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA		Fin Stat/20/PSHMK/pl/62 220293413793 agri.ddg3.g.4(2020) 6175239 6.22.2020 DATA: 13/10/2020	
1. INTESTATURA TAL-BAĠIT: Kapitolu 15 20 PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA 15 20 03 06 Organizzazzjonijiet u ftehimiet internazzjonali	APPROPRJAZZJONIJIET: B2021:EUR 15 605 027		
2. TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992			
3. BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 207(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu, jiformaw il-bażi ġuridika ta' din il-proposta.			
4. GĦANIJIET: Li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992.			
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR)	SENA FINANZJARJA KURRENTI 2020 (EUR)	SENA FINANZJARJA LI JMISS 2021 (EUR)
5.0 NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN			- 42 937-
5.1 DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (IMPOSTI/DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI			
5.0.1 NEFQA PROĠETTATA			
5.1.1 DĦUL PROĠETTAT			
5.2 METODU TAL-KALKOLU: 55 voti inqas għall-UE, 686 GBP/ vot			
6.0 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT KURRENTI?	M.A.		
6.1 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?	M.A.		
6.2 SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?	LE		
6.3 SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?	LE		
Id-deċiżjoni se jkollha impatt pożittiv żgħir għall-baġit tal-UE mill-baġit tal-2021. Il-			

kontribuzzjoni tal-UE mistennija tkun EUR 42 937 inqas, peress li r-Renju Unit se jħallas it-tariffa tas-sħubija tiegħu stess. L-ammont jista' jvarja skont l-ammont li jkun se jitħallas għal kull vot f'GBP u skont ir-rata tal-kambju tal-EUR/GBP. Għal din l-istima, intuża l-iskambju ta' GBP/EUR tal-BĊE tat-12/10/2020 (GBP 1 = EUR 1.1380).